MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1070/2002/1

**Emanuel Cutajar.**

**v.**

**Najwa Abdul Hafid.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Settembru, 2002 l-attur ippremetta illi fl-24 ta' Settembru 2000, ghal xi 19.45 waqt li huwa kien isuq karozza Kia b'numru ta' registrazzjoni

HAP-581 fi Triq tal-Barrani, Zejtun, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku ma' karozza Renault b'numru ta' registrazzjoni EBC-564 misjuqa mill-konvenuta; illi b'rizultat ta' dan l-incident huwa garrab danni konsiderevoli kif kellu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema danni jridu jigu likwidati; illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku; illi l-konvenuta nterpellata biex tghamel tajjeb ghad-danni ta' l-atturi, baqghet inadempjenti.

Ghalhekk talab lil dik il-Qorti:
"1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur;

"2. Tillikwida d-danni ta' l-attur okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Ottubru 2000, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta skond il-ligi lill-Assigurazzjoni Citadel Insurance p.l.c., u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dina c-citazzjoni, kontra l-konvenuta minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni."

Il-konvenuta ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumacja skond il-Ligi.

**Is-sentenza appellata.**
Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-27 ta' April, 2005 meta cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi ghalkemm il-konvenuta hija kontumaci l-Qrati taghna dejjem irritenew illi dan ma jfissirx li l-attur ma hux rikjest jaghmel il-prova tieghu biex jissodisfa lill-Qorti illi t-talba

tieghu ghandha tigi akkolta – fi kliem iehor il-kontumacja m’hijiex ammissjoni izda kontestazzjoni ghalkemm naturalment il-konvenut ikun prekluz milli jressaq provi.

“Il-mod kif gara l-incident hu car. Il-konvenuta kienet qed issuq fid-direzzjoni ta’ Birzebbugia fi Triq tal-Barrani meta f’daqqa wahda ghamlet u-turn biex iddur halli tmur f’petrol station li hija fuq in-naha l-ohra tat-triq. Truck li kien qed isegwiha waqaf fil-hin, izda l-attur li kien qed isuq wara t-truck ma rnexxilux jieqaf fil-hin bir-rizultat li baqa’ diehel fit-truck imsemmi u sofra d-danni.

“Ma hemmx kwistjoni illi l-konvenuta zbaljat u kisret ir-regolament tat-traffiku meta ghamlet il-u-turn. Ghalhekk is-sentenzi kollha citati fin-nota ta’ l-attur huma kollha korretti izda hemm differenza kbira bejn dawk il-kollizjonijiet u l-kaz in ezami – l-attur f’din il-kawza ma kienx qed isuq wara l-vettura tal-konvenuta izda bejniethom kien hemm vettura ohra li fil-fatt waqfet fil-hin. Ghalhekk huwa importanti li f’din il-kawza jigi stabbilit dak li ikkawza l-incident u cioe’ x’ kienet il-kawza prossima tieghu.

“Fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Jannar, 2002 fl-ismijiet **Micallef St John vs Spiteri et** intqal;

*“Il-Qorti ta’ l-appell fil-kaz in kwistjoni (**James Attard vs Alfred Desira** deciza fil-21 ta’ Mejju, 1986) ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija f’kazijiet Inglizi kwotati f’Charlesworth, Law of Negligence, fosthom **Tart vs Chitty** fejn il-Qorti ta’ l-appell Ingliza iddecidiet li meta persuna li kienet qed issuq mutur dahlet fil-parti ta’ wara truck li kien wieqaf ikkonkludiet illi l-fatti “pointed out to one solution only; either the plaintiff was not keeping a proper look at in which case he was guilty of negligence, or if he was keeping a look out he was going too quickly or for some other reason had not his motor cycle under such proper control that he was able to avoid the collision”. L-istess fil-kawza **Baker vs Longhurst** il-Qorti iddecidiet li l-attur li kien qed isuq motor cycle u habat ma’ ziemel u karettun li ma kellhomx dawl kellu jkun “riding at such a pace as to be able to pull up within the limits of his*

*vision and he must either have been going too fast or not keeping a proper look out." Diversi sentenzi tal-Qrati taghna mxew fuq l-istess principju."*

"Il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in ezami kien l-attur stess il-kawza prossima ta' l-incident ghaliex ma waqafx fil-hin – jew ghax ma kienx attent jew ghaliex kien qed isuq b'velocita' li ma hallitux jieqaf fil-hin. L-ikbar indizju kontra tieghu hu l-fatt li x-xhud Emanuel Pace li kien qed isuq quddiemu waqaf fil-hin – haga li hu ma rnexxilux jaghmel. Kien ikun differenti kieku l-attur kien qed isuq immedjatament wara l-konvenuta."

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors pprezentat fis-17 ta' Mejju, 2005 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija sentenza u dana billi tilqa' t-talbiet attrici u l-aggravji ta' l-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.

L-appellata ma ressqet ebda risposta.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

L-attur qed jressaq zewg aggravji kontra s-sentenza imsemmija u dan billi qed isostni li:
"a) il-konvenuta ma haditx il-prekawzjonijiet mehtiega meta ittantat taghmel il-U-Turn.

"b) l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li bil-manuvra tal-konvenuta l-attur ma kellux l-opportunita` li jieqaf."

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-ewwel aggravju:**

L-attur qed isostni li meta l-konvenuta ippruvat taghmel U-Turn biex tmur fuq in-naha l-ohra tat-triq hija ma haditx il-prekawzjonijiet mehtiega fic-cirkostanzi billi waqfet hesrem u minghajr ma tat preavviz adegwat, bl-indicator, ta' dak li kienet ser taghmel.

Huwa maghruf u generalment accettat li manuvra ta' U-Turn hija manuvra perikoluza billi din tinvolvi kemm it-traffiku li jkun gej minn warajk kemm traffiku li jkun gej mill-faccata. Ghalhekk qabel ma manuvra bhal din tigi tentata, is-sewwieq irid juza attenzjoni partikolari. Izda fil-kaz in ezami l-incident ma sehhx ma' vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta tal-konvenuta billi din qatt ma kellha l-opportunita` li taqsam il-linja medjana qabel ma sehh l-incident izda l-konvenuta intlaqtet minn wara, minn truck li gie milqut mill-vettura ta' l-attur, u dan waqt li l-istess vettura tal-konvenuta kienet wiefqa.

Fic-cirkostanzi l-obbligu tal-konvenuta kien li taghti pre-avviz lill-vetturi li kienu warajha billi tixghel l-indicator tal-lemin u tieqaf bil-mod. Jidher li dawn il-prekawzjonijiet il-konventa hadithom u dan huwa ovvju mill-fatt li l-vettura ta' warajha, cioe` t-truck, waqaf u waqaf minghajr ma halla "brake marks" li generalment jindikaw li vettura tieqaf hesrem. Mentri mill-iskizz tal-pulizija jidher li l-vettura ta' l-attur halliet "brake marks" qabel l-impatt, liema "brake marks", ghalkemm mhux twal, jindikaw li qabel ma sehh l-incident l-attur, kuntrarjament ghas-sewwieq tat-truck, ma kienx attent ghal dak li kien qed jigri quddiemu u kien ghaddej b'certa velocita`. Il-fatt li l-"brake marks" mhux twal ma jikkorroborax l-asserzjoni ta' l-attur li hu kien isuq bi speed moderat billi jidher li l-impatt kien wiehed qawwi tant li mhux biss ikkawza hafna hsara talli l-vettura ta' l-attur, vettura zghira, bl-impatt imbuttat truck kbir ghal certa distanza tant li imbuttatu fuq il-vettura tal-konvenuta.

Dan premess din il-Qorti tixtieq tosserva li wahda mill-aqwa regoli li ghandhom jigu osservati biex jigu evitati incidenti, hija dik tal-"proper look out" billi kull sewwieq irid jogghod attent il-hin kollu ghal dak li qed jigri quddiemu u madwaru u inoltre jrid, kif jinghad fil-paragrafu 107 tal-Highway Code "Never drive at such a speed that you cannot pull up within the distance that you can see to be clear." L-impatt bejn il-vettura ta' l-attur u t-truck tindika li l-attur la kien attent u lanqas, bl-ispeed li kien qed isuq, ma kien qed izomm id-distanza mehtiega bejn il-vettura tieghu

u dik ta' quddiem. Kieku ghamel hekk kien, bhas-sewwieq tat-truck, kien jirnexxilu jieqaf u jevita l-impatt.

Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Dwar it-tieni aggravju.**

Qed jigi sottomess li meta l-ewwel Qorti sostniet li l-attur kellu jieqaf bhat-truck ta' quddiemu ma apprezzatx il-fatt li l-vettura ta' l-attur hija wahda zghira u hafifa li, kuntrarjament ghal dak li jigri f'vettura tqila bhal truck, ma setghetx tieqaf f'salt. Din il-Qorti tixtieq tosserva fir-rigward li dan l-argument huwa fallaci ghall-ahhar u jirrazenta l-fieragh, billi vettura tqila, minhabba il-"momentum" taghha tiehu aktar distanza biex tieqaf minn vettura zghira. Dan premess din il-Qorti terga' tosserva, kif gia` inghad hawn fuq, li c-cirkostanzi tal-waqfien tat-truck u tal-vettura ta' l-attur, huma totalment differenti. Infatti t-truck jidher li waqaf b'mod normali minghajr ma applika l-brakes hesrem billi ma halla ebda "brake marks" fil-karreggjata, mentri l-vettura ta' l-attur mhux talli halliet "brake marks" talli baqghet diehla fil-vettura ta' quddiemha u kkawzat hafna danni. Dan il-fatt, kif gia` inghad fuq, huwa indikattiv ta' nuqqas ta' attenzjoni u speed mhux kompatibbli mal-kondizzjonijiet tat-traffiku fil-mument ta' l-impatt.

Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' l-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------